## Laqgha Numru 14/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti ta’ l-Erbatax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 27 ta’ Settembru 2000.

Il-laqgha ma saritx minhabba l-fatt li ma kienx hemm quorum.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

## Laqgha Numru 14/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti ta' l-Erbatax il-Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 4 t'Ottubru 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Carmela Attard, u Ray Pace flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Pierre Cordina kien skuzat minhabba xoghol.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-22 ta' Settembru 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 13 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Rendikont ta' l-interviews.**
5. **Road Resurfacing.**
6. **Id-Delega tal-Gwardjani Lokali.**
7. **Approvazzjoni tal-Kontijiet.**
8. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K3/2000.

1.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Vici Sindku Paul Baldachino biex jipresiedi l-ewwel item ta' l-agenda minhabba l-fatt li fil-laqgha precedenti huwa ma kienx prezenti.

1.2. Il-Kunsillier Ray Pace ressaq emendi biex item 4.6 tigi emendata kif gej ***"Wara diskussjoni dwar l-installazzjoni ta' l-Earth Electrodes, il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-kumpanija J & K Construction biex jinstallaw l-Earth Electrodes f'dawk id-djar fejn ser issir it-tarmac u dan ghas-spejjez ta' l-istess residenti. Din il-proposta qed issir minhabba li xoghol precedenti mill-istess kuntrattur kien sodisfacenti"*** biex wara item 9.8 tidhol item ohra ***"Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinkiteb ittra ufficcjali lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu azzjoni dwar l-ilmenti tal-Kunsill vis-à-vis hawkers"***

1.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ressaq emenda biex wara item 9.10 jidhol il-kliem ***"Il-Vici Sindku Paul Baldacchino nforma lill-Kunsill li kien gab zewg kwotazzjonijiet biex jitranga d-dawl tal-gnien."***

1.4. Il-Vici Sindku Paul Baldacchnio ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 13/K3/2000 kif emendati.

1.5. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

1.6. Il-mozzoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Ray Pace u Carmela Attard ivvutaw favur filwaqt li s-Sindku astjena minhabba li ma kienx prezenti ghall-laqgha.

1.7. Il-mozzjoni ghaddiet unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet il-Vici Sindku Paul Baldacchino ghadda ghall-item li kien imiss. Il-Laqgha tkompliet titmexxa mis-Sindku Joe Zammit.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-6 ta' Settembru u l-4 t'Ottubru 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghall-

| **Rif.** | **Suggett** |
|---|---|
| 46/0743/00/I | Talba minghand l-Island Car Club dwar bdil fid-dati ta' l-attivita'. |
| 46/0744/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment tas-Sahha rigward culvert mizdud fi Triq Alamein. |
| 46/0758/00/I | Ittra minghand il-Bord li jikkontrolla t-traffiku dwar railings fi Triq l-Imhallef William Harding. |
| 46/0768/00/I | Ittra minghand is-sur A Callejja li joqghod Triq l-Imhallef William Harding rigward il-problema tal-parking. |
| 46/0837/00/I | Kwotazzjoni minghand l-S & R Handaq ghal Road Marking Paint. |
| 46/0842/00/I | Ittra minghand l-AKL rigward il-laqgha tas-Sindki f'Ghawdex. |
| 46/0843/00/I | Permess minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex il-Kunsill ikun jista' jsebbah il-passagg li hemm bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich. |
| 46/0846/00/I | Ittra minghand il-Friends of the National Archieves of Malta jheggu lill-Kunsilli biex jidhlu membri fl-ghaqda taghhom. |
| 46/0849/00/I | Kopja ta' l-ittra li l-WSC baghtu lill-kumpanija Penza Construction Limited biex ikunu jistghu jibdew xoghol ta' house connections fit-toroq li ser jinghataw it-tarmac. |
| 46/0867/00/I | Ittra minghand il-Malta Institute of Management rigward seminar internazzjonali li ser issir dwar The Challenges Facing Management |

in an Enlarged Europe.

| | |
|---|---|
| 46/0869/00/I | Ittra minghand id-Dipartiment ghat-tmexxija tal-Propjeta’ dwar karozzi abbandunati fiz-zona ta’ St Andrews House. |
| 46/0877/00/I | Kwotazzjoni minghand il-kumpanija MED Desing Consultants Limited ghal-xoghol ta’ pajpijiet fi Triq il-Fortizza. |
| 46/0891/00/I | Ittra minghand l-Onor. Ministru M. Refalo jistieden lill-Kunsill ghal-laqgha ta’ prezentazzjoni ta’ pjanti mill-Konsorzju Costa Sant Andrea ghall-Progett tal-White Rocks Holiday Complex. |
| 46/0903/00/I | Kopja t’ittra li l-Avukat Dr Zammit Maempel baghat lill-Avukat Dr Toni Abela ghan-nom tas-sur J Aquilina ta’ Triq Don Luigi Rigord. |
| 46/0904/00/I | Kopja t’ittra li l-Avukat Dr Zammit Maempel baghat lill-Avukat Dr Karmenu Mifsud Bonnici ghan-nom tas-sur Salvatore Muscat ta’ Triq Don Luigi Rigord. |
| 46/0916/00/I | Ittra minghand is-Small Business Efficiency Unit rigward il-kummenti taghhom rigward in-North Harbour Plan. |
| 46/0918/00/I | E-Mail minghand il-Kunsillier Ray Pace rigward il-laqgha tal-Kunsill kif ukoll rigward Triq Don Luigi Rigord. |
| 46/0927/00/I | Ittra minghand l-ASKLM rigward l-iskema ta’ l-ETC. |
| 46/0929/00/I | Ittra minghand l-AKL rigward seminar li ser issir bit-tema Maltese Local Authorities in the run-up to the enlargement of the European Union. |
| 46/0930/00/I | Kwotazzjoni minghand BSL ghal skrivanija gdida ghal iskrivan il-gdid. |
| 46/0933/00/I | Ittra minghand il-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh rigward laqgha li ser jaghmlu. |
| 46/0935/00/I | Ilment minghand is-sur Terry Mann dwar materjal li hemm hdejn l-Iskola Sir Adrian Dingli. |
| 46/0942/00/I | Ittra minghand il-Moviment era Gdida rigward seminar li ser issir nhar is-Sibt 28 t’Ottubru 2000. |

3.2. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0743/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba ta’ The Island Car Club biex itellghu attivita’ fil-parade ground ta’ quddiem il-Luxol.

3.3. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0744/00/I** il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ghandu jikteb lid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika biex jikkonferma li l-ilma li hemm hiereg fi Triq Alamein kantuniera ma’ Triq Arnhem huwiex ilma helu jew ilma kontaminat bid-drenagg.

3.6. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0758/00/I** il-Kunsill qabel unanimament li skond rakkomandazzjoni tal-Bord li jikkontrolla t-traffiku l-ahjar soluzzjoni huma li jsiru t-tabelli ta’ No Turning u mhux li ssir crash barrier.

3.7. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0768/00/I** is-Sindku Joe Zammit rrakkomanda li huwa flimkien ma’ xi hadd mill-Kunsilliera ghandhom jaghmlu spezzjoni fi Triq l-Imhallef William Harding biex tinstab soluzzjoni ghal ilment tas-sur Calleja.

3.8. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/087/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jixtri r-road marking paint minghand il-kumpanija S & R Handaq kemm il-darba din tkun ta’ kwalita’ ahjar minn dik li qed tintuza bhalissa u dan minhabba l-fatt li l-prezz offrut minn S & R huwa irhas.

3.9. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.11. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0842/00/I** gie deciz li s-Sindku Joe Zammit flimkien mall-Vici Sindku Paul Baldacchino jippreparaw Internal Memo biex jaghtu rendikont ta’ dak li gie diskuss fil-laqgha li saret Ghawdex ghas-Sindki u Vici Sindki.

3.12. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0843/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Perit inkarigat kien gie mitlub jipprepara Bill Of Quantities ghax-xoghol li hemm bzonn.

3.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0846/00/I** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jsir membru ta’ l-ghaqda Friends of The National Archieves of Malta u dan ghall-hlas ta’ Lm 25.00 darba biss.

3.14. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

3.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.16. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0849/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill Ii l-permess biex ikun jista’ jinbeda x-xoghol kellu jigi ffirmat illum mill-WSC. Il-kelliem qal li l-kuntrattur kellu jibda x-xoghol aktar tard fix-xahar t’Ottubru 2000.

3.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0869/00/I** gie deciz unanimament li ghandha ssir site visit madwar St Andrews House biex jigu vverifikati l-ilmenti li saru mid-Dipartiment ghat-Tmexxija tal-Propjeta’.

3.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0877/00/I** il-Kunsillier Ray Pace talab li l-Kunsill ghandu jitlob stima tax-xoghol involut biex jitpoggew pajpijiet li l-quddiem jistghu jintuzaw ghad-dawl tat-triq.

3.19. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0916/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar b’kopja ta’ l-ittra tintbaghat lis-SBU, lill-Onor. Edwin Vassallo, lill-Onor. G. Pullicino u lill-Onor. M. Refalo fejn il-Kunsill joggezzjona ghar-rapport imhejji mill-SBU fejn jinforma lill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar li l-Kunsill ma jaqbilx mall-kummenti li saru minhabba l-fatt li dak propost huwa kontra kull principju elenkat fin-North Harbour Plan fejn jirrigwarda Pembroke, minhabba li s-sit indikat mill-SBU huwa indikat mil-Awtorita’ bhala sit li ser ikollu tahlita ta’ bini residenzjali kif ukoll ufficcini kif ukoll minhabba l-fatt li s-sit huwa mdawwar bi Skejjel li jospitaw eluf ta’ tfal kif ukoll minhabba l-fatt li jekk tigi accettata l-proposta ta’ l-SBU dan jista’ jkollu effett negattiv fuq il-Progett tal-White Rocks Holiday Complex. Il-kelliem qal li l-oggezzjoni qed issir issa minhabba l-fatt li

kien issa li l-SBU infurmat lill-Kunsill bil-kummenti taghhom ghan-North Harbour Plan.

3.20. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.22. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0918/00/I** is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Ray Pace jekk kellux xi kummenti x'jaghmel ghal E-Mail li kien baghat lill-Kunsill rigward il-laqgha precedenti kif ukoll dwar il-progett ta' Pembroke Battery.

3.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0927/00/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill dwar il-problema li nqalghet bejn l-AKL u l-ASKLM is-Segretarju Ezekuttiv kien wiegeb lill-ASKLM li l-Kunsill kien lest li jippartecipa fl-iskema ta' l-ETC biex nies li qed jirregistraw jigu jaghmlu xoghol fil-lokal. Il-kelliem qal li din it-twegiba saret fid-dawl ta' decizjoni li kien ha l-Kunsill f'laqghat precedenti.

3.24. Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimament mall-pass li ttiehed mis-Segretarju Ezekuttiv biex il-Kunsill jippartecipa fil-progett pilota ta' l-ETC.

3.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0929/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li jekk mill-Kunsilliera ma kien interessat li jattendi ghall-laqgha ta' l-AKL kien ser imur huwa flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

3.26. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0930/00/I** is-Sindku Joe Zammit ppropona li tinxtara skrivanija gdida minghand il-BSL biex tintuza mil-iskrivana l-gdida.

3.27. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0935/00/I** il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li jitqabbad kuntrattur privat biex jitnehha l-materjal li hemm fl-inhawi tas-Science Centre.

3.30. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. Rendikont ta' l-interviews.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit ta' rendikont ta' l-interviews li saru kif ukoll ta' kif wasal biex huwa u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomandaw lista ta' persuni biex isirilhom interview iehor. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex jaghti rendikont ta' dawk li gew jaghmlu prova fuq il-kompjuter tal-Kunsill.

4.2. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li minn dawk short listed is-sur Duncan Baldacchino ma giex filwaqt li s-sinjura Isabelle Cassar infurmatu li kienet sabet xoghol iehor. Il-kelliem qal li wara li sar xoghol ta' prattika hu kien ta' l-opinjoni li jikklassifika lil dawk li gew kif gej bl-ewwel wahda tkun l-ahjar Deguara Sylvana Rita, Micallef Alison, Cutajar Stefania, Ciappara Charyl, Micallef Caroline.

4.3. Il-Kunsillier Ray Pace rrakkomanda li s-sinjura Astrid May Falzon tkun ikkunsidrata wkoll u tintbaghat biex taghmel xoghol ta' prattika fuq il-kompjuter.

4.4. Wara diskussjoni qasira il-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill jibghat ghal Deguara Sylvana Rita, Micallef Alison, Cutajar Stefania, Ciappara Charyl kif ukoll ghas-sinjura Astrid May Falzon dejjem jekk jidher li tkun kapaci li taghmel xoghol fuq il-kompjuter u li l-interviews ghandhom isiru nhar l-Erbgha 11 t'Ottubru bejn n-12.00 u 13.00 kif ukoll li jekk jista' jkun il-Kunsilliera kollha jkunu prezenti ghal waqt l-interviews.

4.5. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

4.6. Il-Kunsill qabel unanimament

## 5. Road Resurfacing.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet intbaghatet ittra lir-residenti kkoncernati dwar l-installazzjoni ta' l-Earth Electrodes li izda sfortunatament ir-rispons kien baxx. Il-kelliem qal li ntbaghatu zewg reminders bl-ahhar wiehed ikun finali.

5.2. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-item terga tkun fuq l-agenda li jmiss biex jigi diskuss il-progress li jkun sar.

## 6. Id-Delega tal-Gwardjani Lokali.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhala raprezentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Kongunt kien qed jirrakkomanda lill-Kumitat Kongunt biex l-istess Kumitat ikun responsabbli mill-gbir u hlasijiet ta' pagamenti. Il-kelliem qara kopja tal-proposti tieghu. **( Ara Appendici A )**

6.2. Il-Kunsilliera prezenti qablu unanimamnet mal-proposta tas-Sindku.

6.3. Wara diskussjoni l-Vici Sindku Paul Bldacchino ppropona li filwaqt li l-Kunsill jinforma lill-Kumitat Kongunt li ghadu fuq protesta dwar is-servizz tal-Wardens ghandu jzid is-servizz kif gej siegha kuljum hdejn l-iskejjel li talterna waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug bejn l-10.00 pm u 12.00, nhar ta' Sibt fl-akkwati tal-Qasam tad-Djar San Gorg kif ukoll siegha fil-gimgha li tigi talterna bejn filghodu u filghaxija.

6.4. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Approvazzjoni tal-kontijiet.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni **( Ara Appendici B )**

7.2. Il-Kunsillier Ray Pace talab li l-kont tal-WMSID fejn jikkoncerna knis tat-toroq ghandu jithallas biss 40% minnu.

7.3. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino rrakkomanda li kellu jithallas jew kollu jew inkella mhux inqas minn 67%

7.4. Wara diskusjsoni qasira s-Sindku Joe Zammit ppropona li jsir hlas ta' 60% tal-kont tal-knis.

7.5. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

7.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Materji Ohra.

8.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Assistent Kummissarju Alfred Abela kien informa lill-Kunsill li ser jigi ntrodott servizz gdid fil-weekends bejn Pembroke u Swieqi fejn ser jibda jkun hemm stazzjonat Pulizija bhala Desk Officer. Il-kelliem ppropona li dan id-desk officer ghandu jitpogga fejn Blokk 4 Qasam tad-Djar San Gorg.

8.2. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

8.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.4. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-Bord li jikkontrolla t-traffiku biex Triq Burma minn quddiem l-istatwa tal-madonna sa quddiem it-tarag li jaghti ghal-Triq l-Imhallef William Harding ghandha tigi No Parking iz-zewg nahat filwaqt li mit-tarag sar-roundabout ghandha ssir No Parking in-naha tal-gibjun biss.

8.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

8.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.7. Il-Laqgha ntemmet fl-10.15 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 11 t'Ottubru 2000 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |